MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 393/2014

Appell Nru: 393/2014

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Shawn Nicholas Cassar

Illum 26 ta' Frar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Shawn Nicholas Cassar, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 412090M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fit-3 ta' Novembru, 2013, ghall-habta tad-09 :30hrs u fis-snin ta' qabel, fil-fond Nru. 17, 'Preston', Vjal L-Indipendenza, Zurrieq, zamm xi ghasfur, kemm haj, kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew t-tehid tieghu huma pprojbiti taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti metaa dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003 u minghajr ma inghata l-permess jew certifikat mill-Awtorita' kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta Regolament 4(1)(e) tal-AL 79 tal-2006, hekk kif emendat, LS 504.71.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, zamm xi ghasfur, kemm haj, kemm mejjet jew parti minn xi ghasfur mhux msemmi fl-Iskeda III ta' Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunisill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-istat Membru iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-AL 79 tal-2006, hekk kif emendat, LS 504.71.

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghal perjodu kollu likien fil-pussess tal-kampjun kif provdut fil-paragrafri (e) u (f) il-permessi, certifikati u dokumenti ohrjan kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjoni tal-Awtorita' Kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(f) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat, LS 504.71.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikrostanzi zamm akkuzat ukoll tallui fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III, li ma kienux gew registrati mas-sezzjoni fiz-zmien stipulat u dan bi ksur ta' Reg. 21(5) tal-AL 79 tal-2006, hekk kif emednat, LS 504.71

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess, data, fl-inhawi taz-Zurrieq matul il-hinijiet ta' filghodu, minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra l-ebda persuna ma ghandha tikkaccja jew tipprova tikkaccja, tiehu jew tipprova tiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skond id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm il-darba dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' licenzja valida skond ma tkun tapplika, mahruga mid-Direttur, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Reg. 12(1) LS 504.71.
6. Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'sentenzi moghtija lilu quddiem il-Qorti tal-Magistrati Dr. A. J. Vella LL.D.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni tal kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-30 ta' Settembru, 2014, fejn il-Qorti li rat ir-regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 21(5), u Reg 12(1) tas-SL 504.71 tal-AL 79 tal-2006, hekk kfi emendat LS 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati u kkundannatu multa ta' sebat elef euro (€7000). Ikkundannatu sena prigunerija sospiza ghal sentejn u ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti. Ordnat ir-revoka permanenti tal-licenzja tal-kacca u tal-insib tal-imputat taht LS 504.71 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Shawn Nicholas Cassar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirrifoma s-sentenza appellata, u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn fuq ammissjoni tal-appellant stess, sabithu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjhuba fil-konfornt tieghu, tvarja l-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Shawn Nicholas Cassar esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-appellanti jilmenti illi l-piena erogata minn l-ewwel Qorti u cioe sena prigunerija ghal sentejn u multa fis-somma ta' sebat elef ewro (€7000) flimkien mal-konfiska tal-oggetti esebiti, u r-revoka permanenti ta' kull licenzja ta' kacca u nsib, hija wahda sporporzjonata fic-cirkostanzi.
Fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-Ewwel Qorti setghet legalment ma timponix piena ta' habs sospiz u dan peress illi mill-ligi minn imkien ma jirrizulta illi l-Qorti kellha tassativament, bilfors timponi piena ta' habs. Come di fatti, il-ligi u cioe ezattament ir-regolament 27(2)(b) tal-istess ligi, l-Qorti tista' timponi habs jew multa.

Filfatt, a kuntrarju ta' dak li argumentat l-Ewwel Qorti, setghet ma tigix imposta piena ta' prigunerija, u dan peress illi l-ligi tipprovdi biss illi ghandha tigi mposta s-sanzjoni ta' habs u multa bejn sebat elef ewro (€7000) u hmistax-il elef ewro (€15000), biss meta l-persuna akkuzata jkollha l-licenzja taghha gia revokata jew meta l-persuna akkuzata jkollha l-licenzja taghha gia revokata ghal ghomorha jew b'mod permanenti. Stante illi mis-sentenza esebita mill-prosekuzzjoni stess, jirrizulta illi l-appellant, kellu l-licenzja tieghu revokata ghal sena biss, allura ma kellhomx japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 27 ta' SL 504.71, li filfatt jipprovdi kif gej:

> *Iżda wkoll bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tielet proviso tas-subregolament (2), kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasafar mingħajr liċenzja valida għandha teħel il-pieni imniżżlin fis-subregolament (2)(b) u l-Qorti għandha ukoll tordna li l-persuna ħatja għandha tkun skwalifikata milli tottjeni liċenzja taħt dawn ir-regolamenti jew taħt it-Taqsima XV talKodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal għomorha, u meta dik il-liċenzja tkun ġiet revokata b'mod*

*permanenti skont is-subregolament (2)(b) jew il-Qorti tkun diġà ordnat li dik il-persuna ġiet skwalifikata milli takkwista liċenzja għal għomorha, meta tinstab ħatja, dik il-persuna għandha teħel multa ta' mhux anqas minn sebat elef euro (€7,000) iżda mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena iżda mhux iżjed minn sentejn.*

Illi ghalhekk, ghalkemm l-Ewwel Qorti insistiet likellha idejha marbutin, u li bilfors kellha timponi s-sanzjonijeit li mponiet, dan mhux il-kaz. Ghalehekk f'dan l-istadju, jigi rilevat illi jkun opportun illi din l-Onorabbli Qorti tisma lil Ufficjal Prosekutur Jurgen Vella ghal konferma ta' dan il-fatt.

Illi inoltre, tentut kont illil-appellant irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fejn imponiet kemm sena prigunerija sospizi ghal sentejn, kif ukoll multa fis-somma ta' sebat' elef ewro (€7000), flimkien mal-konfiska tal-oggetti esebit, u r-revoka permanenti ta' kull licenjza ta' kacca u nsib hija wahda eccessiva ghall-kaz odjern u l-appellant ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu.

Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti ghamlet accenn ghal fatt illi l-appellant irregistra ammissjoni, jidher illi effettivament din ma gietx imbghad riflessa fil-piena erogata, fejn l-appellant wehel multa, habs u suspenzjoni tal-licenzji kollha relatati mal-kacca ghal-ghomru.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tlieta (3) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) ghal habta tad-disgha u nofs ta' filghodu (9.30 a.m.) saret tfittxija fil-fond numru sbatax (17), Preston, Vjal l-Indipendenza, iz-Zurrieq fejn jabita l-appellant u hemmhekk instabu numru ta' ghasafar kemm hajjin kif ukoll mejtin liema ghasafar ma jistghux jittiehdu. Din it-tfittxija saret wara li l-pulizija kienu raw lill-appellant bis-senter tieghu ghall-kacca. Waqt l-istess tfittxija l-pulizija sabu wkoll senter li kien ghadu kemm intuza b'mod evidenti u dan peress li kellu l-cover tieghu mxarrab u dakinhar filghodu inzertat ix-xita.

Sussegwentement l-appellant tressaq il-Qorti u huwa ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'sentenza tat-tlieta (3) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati ikkundannat lill-appellant ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u multa ta' sebat elef ewro (€7,000) flimkien mal-konfiska tal-oggetti esebiti u r-revoka permanenti ta' kull licenzja ta' kacca u insib. Irid jigi rilevat illi l-appellant huwa recediv f'dawn it-tip ta' reati.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell limitatament ghall-piena peress illi deherlu illi kienet wisq sproporzjonata fil-konfront tieghu u l-ewwel Qorti setghet legalment ma timponix piena ta' prigunerija sospiza u setghet timponi l-multa.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant kien digà misjub hati darb' ohra ghall-ksur ta' regolamenti tal-kacca fejn hemmhekk inghata multa ta' elf ewro (€1,000), konfiska tal-oggetti esebiti u skwalifika tal-licenzja li jzomm u jgorr arma tan-nar ghal zmien sena. Jidher illi dan ma kienx bizzejjed peress illi ghal darb' ohra rega' kiser difru mal-ligi bi ksur tal-istess regolamenti. Il-multi u l-piena hija stabbilita mal-ligi u l-artikolu 27 tal-LS 504.71 huwa tassattiv li l-Qorti <u>ghandha</u> ukoll tordna li l-persuna hatja ghandha tkun skwalifikata milli tottjeni licenzja taht dawn ir-regolamenti ... ghal ghomorha ...". L-istess artikolu jippreskrivi multa ta' mhux anqas minn sebat elef ewro (€7,000) izda mhux mhux izjed minn hmistax-il elf ewro (€15,000) u prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn sena izda mhux izjed minn sentejn.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi stante c-cirkostanzi l-ewwel Qorti ma kellhiex diskrezzjoni biex timponi piena ohra oltre dik illi imponiet f'dan il-kaz – l-iskwalifika tal-licenzja ghall-ghomor hija tassattiva bhalma hija tassattiva ukoll l-impozizzjoni tal-multa u perjodu ta' prigunerija, liema dispozizzjonijiet l-ewwel Qorti osservat *ad litteram*.

Il-principju regolatur hu li mhux normali illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena meta jirrizulta illi din tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi setghet tkun mod iehor minn dak stabbilit mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti jidhrilha illi l-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------